

Fil-ħames lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 87(3)(a) u (c) KE billi naqset milli tirrikonoxxi rwol għall-arranġamenti tar-rikorrenti sabiex tassigura l-investiment neċes-sarju f'impjant modern u aġġornat.

Fis-sitt lok, fl-opinjoni tar-rikorrenti, il-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha li tassigura l-ispeċifiċità legali fir-rigward tal-irkupru, naqset milli tikkwalika l-portata u l-valor tal-“obbligi ta’ xiri” u bbażat l-ordni ta’ rkupru tagħha fuq elementi ipotetiċi.

Fl-aħħar, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipji fundamentali tal-liġi Komunitarja billi ordnat l-irkupru tal-għaj-nuna allegata.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Ottubru 2008 — Companhia Muller de Bebidas vs UASI — Missiato Industria e Comercio (61 A NOSSA ALEGRIA)**

(Kawża T-472/08)

(2009/C 6/75)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Companhia Muller de Bebidas (Pirassununga, il-Brażil) (rappreżentanti: G. Da Cunha Ferreira u I. Bairrão, lawyers)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Missiato Industria e Comercio Lda (Santa Rita do Passa Quatro, il-Brażil)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-4 ta’ Lulju 2008 fil-każ R 1687/2007-1, inkwantu kkonfermat d-deċiżjoni li ppermettiet ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja kkonċernata;
- tiddikjara r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja kkonċernata bħala invalida għall-prodotti kollha protetti, abbażi tal-probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade marks invokati fil-proċedimenti ta’ oppożizzjoni; u
- tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva “61 A NOSSA ALEGRIA” għall-prodotti fil-klassi 33

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: L-applikant*

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Reġistrazzjoni tat-trade mark Portugiża Nru 273 105 tat-trade mark figurattiva “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33; reġistrazzjoni tat-trade mark Portugiża Nru 331 952 tat-trade mark figurattiva “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33; reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Benelux Nru 576 901 tat-trade mark figurattiva “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassijiet 32 u 33; reġistrazzjoni tat-trade mark Daniża Nru VR 1998 03649 tat-trade mark figurattiva “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33; reġistrazzjoni tat-trade mark Ingliż Nru 2 248 316 tas-sensiela tat-trade marks figurattivi “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33; reġistrazzjoni tat-trade mark Spanjola Nru 2 354 943 tat-trade mark figurattiva “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33; reġistrazzjoni tat-trade mark Ġermaniża Nru 30 071 545 tat-trade mark figurattiva “CACHAÇA 51”; reġistrazzjoni tat-trade mark Awstrijaka Nru 161 564 tat-trade mark figurattiva “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33; trade mark figurattiva Portugiża magħrufa “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33; trade mark verbali Portugiża magħrufa “CACHAÇA 51” għal prodotti fil-klassi 33.*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: L-oppożizzjoni ġiet miċ-ħuda kompletament*

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: L-appell ġie miċ-hud*

*Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord tal-Appell żbalja fid-deċiżjoni tiegħi li ma hemmx probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti; Ksur tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord tal-Appell żbalja fid-deċiżjoni tiegħi li l-evidenza ppreżentata mill-applikant ma kinetx biżżejjed sabiex tipprova l-karatru magħruf tat-trade marks preċedenti fil-Portugal jew, għall-inqas il-karatru ferm distintiv fl-intier tagħhom.*

**Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Ottubru 2008 — Apollo Group vs UASI (THINKING AHEAD)**

(Kawża T-473/08)

(2009/C 6/76)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Apollo Group, Inc. (Phoenix, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Jaeger-Lenz u A. Link, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)